# IL-BANDA SAN ĠUŻEPP
## 50 Sena mit-Twaqqif Tagħha

*Kitba ta' Angelo Theuma, President Onorarju*

Hekk kif il-Koppin devoti ta' San Ġużepp stejqru mill-ħerba li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), bdew jaħsbu biex ikomplu fejn ħallew fit-tkabbir tal-Festa ta' San Ġużepp. Sa dak iż-żmien il-Każin, li ġie mwaqqaf fl-1886 mill-wisq maħbub Dun Ġużepp Barbara D.D. kien għadu mingħajr banda tiegħu. Għalhekk għall-festa ta' San Ġużepp li minħabba r-restrizzjonijet tal-Konċilju ta' l-1935 kellha biss permess li ddoqq banda lejlet u oħra nhar il-Festa, kienu jiġu mistiedna baned barranin. Iżda l-ħsieb għall-Banda jidher li qatt ma ġie mwarrab. Mhux talli ma kienx hekk anzi fl-1947 bdew jaħsbu bis-serjetà biex il-Każin San Ġużepp ikollu Banda tiegħu.



Il-Banda waqt wieħed mill-marċijiet tal-ġimgħa tal-festa.

Fis-sena 1947 il-Kumitat tas-Soċjetà Ġużeppina kien iffurmat minn dawn il-membri: Ġużeppi Bonnici (il-Birqni), Ċensu Attard (il-Ħażna), Karmnu Debono (il-Bott), Ġanni Theuma (ta' Zacca), Wiġi Polidano (ta' Xappap), Pawlu Falzon (iż-Żanglu) u Karmnu Spiteri. In-nuqqas tal-banda kien jinħass sew fil-Każin għalhekk Karmnu Debono li kien Kaxxier beda jħeġġeġ lill-partitarji biex jibdew jitgħallmu bis-serjetà ħalli fi żmien qasir il-Każin, bħal oħrajn, ikollu Banda li tissejjaħ tiegħu. B'dan ġie nfurmat il-Kumitat li sejjaħ Seduta Ġenerali. Fil-fatt is-Seduta ssejħet u bdew jinġiebu argumenti favur u oħrajn anqas biex titwaqqaf il-Banda. Biex ngħidu s-sew ma kien hemm ħadd kontra t-twaqqif tal-Banda iżda kien hemm xi wħud, ftit fl-għadd, li dehrilhom li l-Banda kienet ser teħtieġ spejjeż kbar u magħkus kif kien il-poplu, ma kienx vijabbli li titwaqqaf dak iż-żmien. Iżda x-xrara hemm kienet u minn xrara saret ħuġġieġa. Ittieħdet votazzjoni u għaddiet li fil-Każin jibda jsir it-tagħlim tal-mużika bl-iskop li l-Banda ma ddumx ma jkollha l-ewwel dehra fil-pubbliku.



Festa 1991 – Jiżżanżan standard ġdid tal-Banda.

It-tagħlim tal-mużika beda malajr minn ċertu wieħed miż-Żurrieq. Iżda l-Banda kien jinħtiġilha Surmast Direttur li seta' jgħallem fuq livell għoli u fl-istess ħin ikun abbli għad-direzzjoni. Ġiġi Farrugia informa lill-Kumitat li kien jaf Surmast tajjeb Bormliż bl-isem ta' William James Worley magħruf aktar bħala Jimmy Worley. Il-Kumitat avviċina lis-Surmast Worley u dan talab Lm6 kull xahar bħala paga. Dak iż-żmien Lm6 kienu paga għolja iżda l-Kumitat afda f'idejn San Ġużepp u għall-grazzja t'Alla l-benefatturi ma naqsu qatt. Biex tiġi mifdija l-paga tas-Surmast kienet issir ġabra minn fuq is-Soċi kull ġimgħa mill-Każin stess. Kulħadd kien jagħti milli jista'. Min kien jitfa' 18 irbiegħi, min żewġ xelini u kien hemm min saħansitra erba' xelini. Bil-ġabra kien jitħallas is-Surmast u anke t-trasport li pprovdielu l-Kumitat. Bħala mezzi ta' trasport, is-Surmast Worley kien jiġi b'tal-linja iżda kien jitwassal lura d-dar fl-għaxija minn Ġilardu Sacco bil-karrozza tiegħu.

1 ta' Mejju 1994 – Programm fis-*St Joseph Fireworks Factory* fl-okkażjoni tal-ftuħ u t-tberik tal-post tan-nar.



San Ġużepp kien l-isem li ngħata lill-Banda, bir-raġun għal DAK li Alla biss jaf is-sagrifiċċji li għamlu l-Koppin biex komplew kabbru d-devozzjoni vera lejh. Il-Banda ġiet fdata totalment f'idejn is-Surmast Jimmy Worley f'sens li ma kienet issirlu l-ebda pressjoni minnaħa tal-Kumitat rigward bandisti u tagħlim. Karmnu Falzon u Kalċidon Caruana bdew jiġbru l-ismijiet ta' dawk li kienu mħajra jitgħallmu strument filwaqt li javviċinaw aktar biex il-Banda tkun tajba mhux biss fil-kwalità iżda wkoll fil-kwantità.

It-tagħlim kien beda jsir darba fil-ġimgħa iżda meta l-allievi bdew jitħarrġu fuq l-istrument, allura s-Surmast Worley beda jagħmel ġimgħa kunċert u ġimgħa tagħlim. Dawn kienu jsiru fis-Sala ta' fuq tal-Każin li f'dak iż-żmien kien totalment differenti mil-lum. Is-sala kienet żgħira għall-kwantità ta' bandisti u dik kienet problema. Għedna li l-allievi bdew ftit ftit jersqu għall-istrument u għalhekk il-Kumitat ħaseb biex jixtri strumentatura tiegħu. Għal dan il-għan intgħażlet id-ditta Carabott tal-Belt Valletta. Il-Każin ordna dawn l-istrumenti biex ikunu proprjetà tiegħu: 2 Klarini, 2 Sax Corni, 2 Baxxi (Si Be Mol u Mi Be Mol), Saxaphone Baritonu, 2 Trumbuni (Armonija u Kantabbli), Katuba, Tambur u Sett Piatti. Bosta strumenti oħrajn ġew mixtrija mill-bandisti ġodda stess. L-istrumentatura kienet kollha tat-tip Boosey & Hawkes u l-prezzijiet ta' l-istrumenti kienu jvarjaw minn Lm85.00 għal Lm40.40. Meta konna mmorru nixtru ġieli sibna l-istrumenti li kellna bżonn u ġieli ordnajna u stennejna.

Intant, is-Surmast Worley deherlu li kien wasal iż-żmien li l-Banda l-Ġdida, tagħmel id-debutt tagħha. Il-bandisti, wara sentejn tagħlim iebes u bla waqfien ta' xejn kienu mħarrġin sew fl-arti mużikali, sa kien hemm fosthom min kien ikkwalifikat għal solista fuq l-istrument tiegħu. Il-Kumitat għażel il-ġurnata tal-5 ta' Frar 1950 biex fiha l-Banda San Ġużepp tagħmel l-ewwel dehra tagħha fost il-Koppin. Inċidentalment u b'ironija kbira l-bniedem li ħa ħsieb it-twaqqif tal-Banda jiġifieri Karmnu Debono ma gawdiex dil-ġurnata għax Alla proprju sejjaħlu ħdejh fl-1949. Kien hemm bżonn li għal dan il-programm isiru l-leġiji biex il-bandisti jkollhom mnejn jaqraw il-mużika. Dawn ġew ordnati u mħallsa minn Karmenu Falzon (ta' Maċukklu) u wara l-Każin ħallas lilu. Ix-xniegħa bdiet tiġri fost il-Koppin, l-aktar il-partitarji tal-Każin ta' l-Ajkla kif inhu popolarment imsejjaħ il-Każin San Ġużepp, li ser isir il-wisq mistenni programm mill-Banda l-ġdida.

Il-Ħadd 5 ta' Frar 1950 wasal ukoll u għall-ħabta tas-7.00pm il-Banda bdiet il-programm li kien tħejja minn Mro. Jimmy Worley. L-għażla tal-mużika kienet waħda operistika u klassika għall-aħħar. Fost il-mużika li ndaqqet insibu: La Gioconda, I Puritani, Andrea Chenier, Bambolina, Forza del Destino u Guaraney. Rigward il-biċċiet Andrea Chenier u Bambolina kien hemm solisti fostna. Għal Andrea Chenier kont jien fuq l-Ewfonju filwaqt li għal Bambolina kien hemm Joseph Grech bil-Kwartin. Tajjeb ngħidu li għal dan il-Programm konna 25 bandist kollha tal-post, frott it-tagħlim u s-sagrifiċċju tas-Surmast Worley tul sentejn.



Il-Banda fl-1984.

Il-bandisti li kienu ddebuttaw l-ewwel darba dakinhar kienu dawn li ġejjin: Salvu Grech, Anġlu Cassar, Ġużeppi Agius, Nardu Sacco u Salvu Debono kollha bil-Klarinett. Joseph Grech kien bil-Kwartin filwaqt li bħala Kurunetti kellna lil Ninu Abdilla, Francis Farrugia, Ninu Attard, Ninu

Azzopardi u Ġużeppi Falzon. Kellna wkoll 3 saxaphones li kienu: Kalċidon Caruana (Soprano), Toni Theuma (Alto) u Nardu Azzopardi (Baritonu). Żaru Mizzi u Benjamin Sacco kienu bil-Kornu filwaqt li Karmnu Falzon u Ġużeppi Abdilla kienu Althorns. Jien kont bl-Euphonium u Ġanni Debono u Nardu Attard kienu bit-Trumbuni. Ġużeppi Callus kellu l-Baxx Mi Be Mol u l-Perkusjoni kienet iffurmata minn: Nardu Attard (Tambur), Wiġi Axiaq (Piatti) u Nenu Farrugia (Katuba).


Il-Banda fl-1986.

Għall-ewwel programm, li kien sar f'Misraħ Kirkop, kienu ħafna dawk li attendew u l-mużika kemm l-għażla u kif ukoll l-interpretazzjoni intgħoġbot ħafna. Intant għaddiet dik il-ġurnata storika għall-Każin kif ukoll għal Ħal Kirkop in ġenerali u tkomplew it-tagħlim u l-kunċerti. Is-Surmast Worley kien iġib il-marċi li dak iż-żmien kienu pjuttost ta' xejra militari u l-mużika li bħalma għedna kienet operistika. Kif bdiet toqrob il-festa ta' San Ġużepp ta' l-istess sena il-Kumitat talab lis-Surmast Worley biex jikkomponi Innu lil San Ġużepp billi sa dak iż-żmien kien għadu ma kienx hemm wieħed adatt għall-Banda. L-innu sar u huwa wieħed pjuttost qasir iżda ħelu ħafna u tal-widna.

Għall-festa tas-sena 1952 kien sar ukoll għall-ewwel darba l-marċ tas-Siegħa li għadu popolari sa llum il-ġurnata. Okkażjoni oħra sabiħa u importanti għall-Banda San Ġużepp kienet l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Leonardu Farrugia. Dun Nard, kif konna nsibuh, inċidentalment miet dis-sena. Għal din il-Prima Messa li proprju seħħet fis-26 t'Awissu 1952, il-Banda San Ġużepp akkumpanjat lil Dun Nard mill-Knisja sad-dar tiegħu fi Triq San Leonardu.

Iżda s-sena 1952 ma kinitx kollha ward u żahar għaliex bdiet l-emigrazzjoni. Iż-żgħażagħ Koppin ma kinux inqas minn ħaddieħor u bħal bosta oħrajn ippruvaw ifittxu xortihom f'pajjiż 'il bogħod minn xtutna. Il-Banda sfrattat fi ftit bandisti biss u meta ra hekk is-Surmast Jimmy Worley ta parir kontra qalbu lill-Kumitat biex ixolji l-Banda San Ġużepp. Hawn naraw kemm verament kien raġel tar-ruħ dan is-Surmast li kien bil-bosta maħbub mill-Partitarji Ġużeppini. Iżda dan ma kellux ikun it-tmiem ta' din il-Banda li issa kienet stabbiliet ruħha sew fost il-poplu.

Fl-ewwel xhur ta' l-1953 ġie kkuntattjat is-Surmast Carmelo Briffa minn Birkirkara biex jerġa' jibda t-tagħlim tal-mużika u fl-istess ħin jieħu d-direzzjoni tal-Banda f'idejh. Is-Surmast Briffa kien jiġi kull ġimgħa Ħal Kirkop bil-karozza privata tiegħu. Barra mill-Banda tagħna, dan is-Surmast kien ukoll jidderieġi lill-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan fl-ewwel snin tagħha. Is-Surmast Briffa dam imexxi l-Banda San Ġużepp għal 11-il sena sħaħ. Il-Banda San Ġużepp f'dawn is-snin kienet iżżomm ruħha attiva b'diversi programmi mużikali waqt attivitajiet ta' qliegħ li kienu jsiru b'risq il-festa ta' San Ġużepp bħal per eżempju l-fieri li kienu mezz ta' introjtu kbir lil kull għaqda li kien hawn f'Malta.

Fl-1965 inħatar Surmast Direttur tal-Banda Mro. Michelangelo Farrugia miż-Żurrieq. Taħt dan is-Surmast tkompla t-tagħlim u aktar bandisti bdew joħorġu jdoqqu mal-Banda San Ġużepp. Fi żmien id-direzzjoni ta' dan is-Surmast kien ukoll reġa' beda jsir il-Marċ tas-Siegħa li ntlaqa' tajjeb ħafna mill-partitarji. Is-Surmast Farrugia spiċċa fl-1972 u floku ntgħażel is-Surmast kompajżan Gaetano Zammit. Fi żmien is-Surmast Gejtu, il-Banda kienet tispikka u marret għall-aħjar. Minn dan iż-żmien il-Banda San Ġużepp qabdet ir-ritmu li s'issa bl-għajnuna t'Alla u tal-Kbir San Ġużepp ma tilfet qatt. Kienu bosta dawk li ħarġu jdoqqu fi żmien dan is-Surmast.


Il-Banda San Ġużepp fis-snin disgħin taħt id-direzzjoni tas-Surmast J.M. Bilocca.

Okkażjoni speċjali kienet meta fis-sena 1973 il-Banda San Ġużepp għamlet l-ewwel servizz barra r-raħal. Dan seħħ f'Ħaż-Żabbar għall-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Minn hawn il-Banda qatt ma ħarset lura u t-talbiet għas-servizzi bdew jaslu minn kullimkien. Il-Banda kienet tieħu sehem ukoll lejlet il-festa ta' San Ġużepp billi tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil San Ġużepp li proprju kkompona dan is-Surmast fis-snin sebgħin. Fl-1979 inħatar surmast direttur tal-Banda San Ġużepp Mro. Joseph M. Bilocca. Il-Banda kompliet tavvanza dejjem 'il quddiem tant li ġieli kellha mas-16-il servizz f'sena waħda. Fl-1980 beda jsir ukoll il-Marċ tal-Milied, li jsir ta' kull sena filgħodu tal-25 ta' Diċembru. Għal dan il-għan kienu saru sett *carols* addattati għall-Banda. F'dan iż-żmien inħadem planċier f'forma ta' palk għall-Banda mill-Partitarju Ġużeppi Falzon (il-Basla).

Fis-snin tmenin bdew ukoll ir-*recordings* tal-marċi brijużi li kienu jsiru fil-bitħa tal-Każin. L-ewwel *recording* sar fl-1984. Fl-1984 ukoll, il-Banda San Ġużepp kellha x-xorti tilqa' lura l-istatwa artistika u devota tal-Patrun Tagħha San Ġużepp lura f'Ħal Kirkop meta waslet mill-induratura li saritilha fl-Imdina minn Horace Farrugia. Dan l-avveniment seħħ f'għeluq il-100 sena mill-miġja ta' l-istatwa f'Ħal Kirkop. Fl-1986 għall-okkażjoni ta' għeluq l-ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Ġużeppina, is-Surmast Bilocca kiteb Innu tal-Banda. Għal xi snin il-Banda San Ġużepp fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa kienet tagħmel programm ta' marċi funebri fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-1993 Mro. Joseph M. Bilocca rriżenja mill-kariga ta' Surmast Direttur u fuq xewqa tiegħu stess inħatar minfloku n-neputi tiegħu Mro. Alfred Farrugia miż-Żurrieq ukoll. Bħala rikonoxximent għall-ħidma ta' Mro. Bilocca, huwa ġie maħtur Surmast Onorarju.

Fi żmien is-Surmast Farrugia ingħatat spinta lill-Programm Strumentali ta' lejlet il-Festa. Kien sar programm li jqassam il-ħin tajjeb b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tan-nar tas-Soċjetà. Kevin Wadsworth, Surmast Ingliż li kien ġie jżur il-festa tagħna u attenda għal dan il-programm mużikali ta' l-1994 baqa' mpressjonat bil-livell u bl-organizzazzjoni tant li kitbilna ittra ta' apprezzament. Fl-1995, fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali Kirkop sar għall-ewwel darba Karnival tar-Raħal u l-Banda San Ġużepp kienet l-unika banda Koppija li pparteċipat f'din l-attività. Għalhekk il-Banda tagħna issa għandha librett b'Marċi Karnivaleski wkoll. Fl-1996 iżżanżan Innu Marċ ġdid għall-Banda San Ġużepp, kompożizzjoni tas-Surmast Alfred Farrugia u versi tal-Kav. Ġorġ Bianchi.

Fl-1998 inħatar Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp Mro. Brian Cassar. Dan is-Surmast żagħżugħ daħal b'ruħu u ġismu biex ikompli fejn ħallew ta' qablu u l-Banda qiegħda kull ma jmur tikber u tissoda. Is-sena l-oħra, eżattament fl-10 ta' Diċembru 1999, il-Banda San Ġużepp ġiet mistiedna mill-Kumitat Festi Nazzjonali biex tagħmel programm ta' marċi tul Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena minn mindu Malta saret Repubblika. Fl-10 ta' Marzu, aktar kmieni din is-sena, element ta' bandisti mill-Banda San Ġużepp ħadu sehem f'Vèlja Ġużeppina li ġiet organizzata mill-Għaqda Mużikali L'Isle Adam tar-Rabat ta' l-Imdina. Din is-sena għall-okkażjoni sabiħa ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda San Ġużepp, li hi l-mimmi t'għajnejn il-partitarji, il-Banda irrekordjat ukoll CD ta' marċi brijużi, li hi l-ewwel CD li qatt saret mill-Każin tagħna.



Il-Banda San Ġużepp tesegwixxi wieħed mill-aħħar programmi mmexxija mis-Surmast preżenti, Mro Brian Cassar.

Illum li qed infakkru għeluq il-50 sena mit-twaqqif ta' din il-Banda l-Kbira tajjeb li niftakru f'dawk il-bandisti u surmastrijiet li tant ħadmu u għamlu sagrifiċċji biex żammew ħajja din l-arti mużikali fil-Każin tagħna. Nirringrazzjaw b'mod speċjali lil San Ġużepp, patrun tal-Banda talli dejjem żamm idejh fuq il-Banda u ma ħalla qatt li din tnin. U ejjew ilkoll flimkien inkomplu nagħtu din l-importanza speċjali lill-Banda tagħna, l-akbar Banda f'Ħal Kirkop biex dak li wellidna ħamsin sena ilu jibqa' sejjer 'il quddiem.

***Nota Editorjali:***
Anġlu Theuma tani dan l-artiklu ftit ġimgħat qabel ma miet fil-15 ta' April 2000.